DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Jannar 2011

li temenda l-Anness XI mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 9592)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/7/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 67(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ċerti miżuri preventivi bl-għan li jiżdiedu l-kuxjenza u t-tħejjija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola għal dik il-marda.

(2) Dawk il-miżuri preventivi jinkludu obbligu fuq l-Istati Membri biex jassiguraw li l-immaniġġjar tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għar-riċerka u d-dijanjożi jitwettaq biss fil-laboratorji approvati elenkati fil-Parti A tal-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KE.

(3) Franza informat uffiċjalment lill-Kummissjoni li l-isem tal-laboratorju nazzjonali tagħha elenkat fil-Parti A tal-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KE li jinsab fi Franza nbidel.

(4) Għal ċertezza legali, huwa importanti li l-lista tal-laboratorji stipulata fil-Parti A ta' dak l-Anness tinżamm aġġornata. Għaldaqstant, huwa neċessarju li tinbidel l-annotazzjoni għal Franza fil-lista tal-laboratorji stipulata fil-Parti A tal-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KE.

(5) L-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-Parti A tal-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KEE, l-annotazzjoni għal Franza qiegħda tinbidel b'dan li ġej:

"FR	Franza	Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), Laboratoire de santé animale de Maisons-Alfort	Franza"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2011.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.